MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 78/2013

**Carmelo Butler**

**Vs**

**Direttur tal-Habs u Avukat Generali**

**It-Tribunal,**

Ra **r-rikors ta' Carmelo Butler** datat 27 ta' Frar 2013 fejnippremetta s-segwenti:-

*"*

1. *Illi l-esponenti kien misjub hati fil-Qorti Sqallija fejn il-Qorti tal-Appell ta' Catania u precizament fis-17 ta' April 2012 huwa gie awtorizzat li jkompli s-sentenza tieghu moghtija fi Sqallija f'Malta u dan kif indikat fil-Konvenzjoni Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-trasferiment tal-persuni sentenzjati tal-21 ta' Marzu 1983 u wara kif indikata fl-istess sentenza li "esaminata la proposta avanzata dalla Procura Generale della Repubblica di Catania, su istanza promossa dal Ministero della Giustizia, realtaiva [recte: relativa] all'istanza di trasferimento a Malta di Butler Carmelo"..;*

2. *Illi sussegwentement l-esponenti intbaghat biex ikompli l-piena u jiskontaha fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin Malta fejn allura huwa kellu jiskonta dik is-sentenza li biha huwa indikat li ghandu jaghmel skond dak dikjarat mill-Ministero della Giustizia fid-direzzjoni ta' Messina fejn huwa kien qabel qed jinzamm fil-habs hemmhekk fi Sqallija u li skond il-posizzjoni guridika u dan kif indikata fid-Dok CB1 huwa kellu jkollu l-piena terminata b'mod definittiv fl-14 ta' April 2014 u dan kif ukoll indikat fid-Dok CB3 li kont il-Magistrat di Sorveglianza u l-funzjonarju giudiziario li huwa indikat li l-piena ghandha tigi terminata b'mod definit fl-14 ta' April 2014 liema dokument gie wkoll notifikat fil-Questura f'Ruma;*

3. *Illi meta l-esponenti talab b'mod ufficjali lid-Direttur tal-Habs, l-intimat, li effettivament wara li huwa jiehu r-remissions spettanti lilu skont il-ligi u dan bl-applikazzjoni tal-legislazzjoni sussidjarja 260 ta' 2003, huwa kellu johrog mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sahansitra qabel l-istess prezentata ta' dan l-umli rikors u dan kif anke jirrizulta minn skambju ta' korrispondenza bejn l-Ambaxxata Maltija f'Ruma u l-awtoritajiet Taljani fejn hemm fost ohrajn rimarka datata 31 ta' Ottubru 2012 li l-esponenti diga' kellu jkun mehlus u hieles fil-liberta` u dan skond l-istess Dok CB2 u peress li intimat Direttur tal-Habs sa anke gie nterpellat b'ittra ufficjali ta' Novembru 2012 u baqa' hekk inadempjenti;*

*Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa mitlub li jghid u jikkonferma:*

1. *li s-sentenza fil-konfront ta' Carmelo Butler l-esponenti tigi terminata b'mod definittiv fl-14 ta' April 2014 u*
2. *li l-esponenti ghandu wkoll jigi kalkulat favur tieghu kull tnaqqis iehor mid-data tal-14 ta' April 2014 li jinkludi remissions u tnaqqis iehor bl-applikazzjoni tal-ligi sussidjarja 260 ta' 2003;*
3. *Bl-ispejjez."*

Ra **r-risposta tad-Direttur tal-Habs u l-Avukat Generali**ipprezentata fit-18 ta' Marzu 2013 fejn eccepew is-segwenti:-

*"Illi l-esponenti qeghdin iressqu s-segwenti eccezzjonijiet illi qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

1. *Illi fl-ewwel lok u* ***in linea preliminari*** *l-esponenti jecepixxu li d-Direttur tal-Habs m'huwiex il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Dan qed jinghad stante illi hu ma ghandu x'jaqsam xejn ma' dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent. L-esponent Direttur qiegħed jimxi biss fuq dak li gie kkomunikat lilu u xejn aktar. Hu ma ha u ma jista' jiehu l-ebda decizjoni f'dan ir-rigward;*

2. *Illi fit-tieni lok u ukoll u* ***in linea preliminari*** *l-esponenti jsostnu illi dan l-Onorabbli Tribunal m'huwiex il-forum idoneju sabiex jisma' l-ilment tar-rikorrent. Il-kompetenza ta' dan it-Tribunal tiskatta wara li jkun hemm att bhal ma hi xi decizjoni, maghmul minn organu amministrattiv. Fil-kaz odjern ghandu jirrizulta kjarament illi ma hemm l-ebda att amministrattiv li jista' jigi sindikat minn dan l-Onorabbli Tribunal. L-esponenti ma ddecidewx huma b'mod diskrezzjonali li r-rikorrent ghandu jinzamm detenut izda qeghdin biss ikomplu jaraw li r-rikorrent jiskonta l-piena li kien inghata mill-Qrati Taljani. Il-fatt li r-rikorrent jinsab detenut fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin mhix xi ghazla, decizjoni jew rizultat ta' att amministrattiv min-naha tal-esponenti izda hija biss konsegwenza tal-agir kriminali da parti tar-rikorrent nnifsu;*

   *Illi in oltre l-esponenti jissottomettu illi t-talba tar-rikorrent fis-sustanza taghha hi illi dan it-Tribunal jiddikjara illi r-rikorrent skonta s-sentenza tieghu u qieghed jinzamm detenut illegalment u ghalhekk ghandu jigi mehlus. Fl-umli fehma tal-esponenti dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux il-kompetenza illi jiddikjara dan. Fl-umli fehma tal-esponenti din hija materja li titratta dwar detenzjoni li skont ir-rikorrent hija wiehed illegali u mhux skont il-ligi, materja li fl-umli fehma tal-esponenti ma taqax fil-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal;*

3. *Illi fit-tielet lok u ukoll* ***in linea preliminari*** *u bla pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jecepixxu illi jidher li hemm zball fin-nomenklatura tat-Tribunal odjern u dan ghaliex ma jezisti l-ebda Tribunal bl-isem 'Fit-Tribunal Amministrattiv'. In-nomenclatura 'Fit-Tribunal Amministrattiv' hija wahda generali u ma tispecifikax ezattament ghal liema Tribunal qieghed jirreferi r-rikorrent. Caso mai, jekk ir-rikorrent ried li dan il-kaz jinstema' quddiem dan l-Onorabbli Tribunal allura n-nomenclatura kellha tkun "Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva" u dan ai termini tar-Regolament 5 tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

4. *Illi l-esponenti jirrelevaw illi mill-informazzjoni li ghandhom huma, jirrizulta illi r-rikorrent ghandu zewg sentenzi ta' htija fil-konfront tieghu moghtija mill-Qrati Taljani;*

5. *Illi fl-1998, ir-rikorrent kien instab hati u nghata sentenza ta' sena u erba' xhur prigunerija sospizi ghal hames snin u multa ta' EUR 7,230.40;*

6. *Illi sussegwentement fl-2006, ir-rikorrent rega' nstab hati ta' reat li wettaq fl-2001 u nghata sentenza ta' tnejn u ghoxrin sena prigunerija u gie skwalifikat milli qatt ikun jista' jokkupa pozizzjoni ta' ufficjal pubbliku. Is-sentenza giet ikkonfermata fl-2007 u saret finali f'Marzu tal-2008;*

7. *Illi ghandu jinghad li billi kien rega' kkommetta reat iehor fi zmien hames snin mir-reat li tieghu kien instab hati fl-1998, is-sospensjoni tas-sentenza tal-1998 giet revokata u allura s-sentenza saret effettiva;*

8. *Illi kif anke gie ndikat fil-kontro-protest tal-esponenti Direttur tal-Habs, ir-rikorrent kien inghata mahfra ta' tlett snin mill-ammont ta' snin li kellu jinzamm karcerat u dan ai termini tal-Ligi Taljana 241/06. Permezz ta' din il-ligi inhafritlu wkoll il-multa ta' EUR7,230.40;*

9. *Illi fir-rigward tar-remission, l-esponenti jsostnu illi fil-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03, ma hemm l-ebda referenza ghar-remission u dan stante illi r-Regolament 14 li kien jitratta dwar ir-remission gie mhassar;*

10. *Illi inoltre l-esponenti jsostnu illi fi kwalunkwe kaz, il-beneficcju tar-remission li jistghu jgawdu minnu l-prigunieri u li huwa regolat bl-Artikolu 20 et seq tal-Kap 516 tal-Ligijiet ta' Malta, m'huwiex xi dritt awtomatiku tar-rikorrent li jista' jigi kkalkulat unilateralment mir-rikorrent stess;*

11. *Illi fi kwalunkwe kaz anke wara li jigu mnaqqsa t-tlett snin mahfra li r-rikorrent kien inghata u wara li tigi komputata r-remission jekk ikun il-kaz, xorta wahda jirrizulta illi r-rikorrent ghad fadallu numru ta' snin sabiex ikun skonta s-sentenza kollha u b'hekk ikun jista' jigi mehlus mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin;*

12. *Illi ghal kull buon fini l-esponenti jirrilevaw illi kien ir-rikorrent stess li talab sabiex jigi trasferit f'Malta u sussegwentement kienu saru trattattivi b'success mal-Awtoritajiet Taljani sabiex ir-rikorrent ikun jista' jigi trasferit Malta;*

*Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Ra l-verbal tas-17 ta' Marzu 2014 fejn dan ir-rikors gie mholli ghal sentenza preliminari rigward il-kwistjoni sollevata minn dan it-Tribunal fid-digriet tieghu tad-9 ta' Jannar 2014 u cioe jekk dan it-Tribunal ghandux il-kompetenza jiehu konjizzjoni tal-istess rikors u iktar precizament jekk it-Tribunal hux il-*forum* kompetenti biex jiddeciedi t-talbiet tar-rikorrent;

Ra l-affidavit ta' Vincent Vassallo;

Ra d-dokumenti kollha annessi mar-rikors promutur;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimati;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent intavola r-rikors odjern stante li qieghed jikkontendi li huwa ghandu jigi mehlus mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fl-14 ta' April 2014 jew data ohra iktar qabel jekk huwa jibbenifika mir-*remissions* u tnaqqis iehor ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260 tal-2003.

Illi ghal intendiment ahjar tal-mertu tar-rikors dan t-Tribunal se jaghmel rassenja fil-qosor tac-cirkostanzi li wasslu ghall-istess rikors.

Illi mid-dokument esebit f'pagna 4 mahrug mill-*Ministero Della Giustizia* **fl-2010** jirrizulta illi fl-1998 ir-rikorrent kien instab hati mill-Qrati Taljani u inghata sentenza ta' sena u erba' xhur prigunerija sospizi ghal hames snin u multa ta' 14,000,00 Liri Taljani illum ekwivalenti ghal €7,230.40. Jirrizulta wkoll illi fl-2006 ir-rikorrent rega' nstab hati, dejjem mill-Qrati Taljani, u nghata sentenza ta' tnejn u ghoxrin sena prigunerija u gie skwalifikat milli jokkupa kariga ta' ufficjal pubbliku u kif ukoll gie moghti tlett (3) snin *"liberta vigilata."* Din is-sentenza giet ikkonfermata fl-2007 u saret finali f'Marzu tal-2008. Jinghad ukoll illi barra din l-ahhar sentenza, dahlet in effett l-ewwel sentenza li kienet sospiza peress li r-rikorrent wettaq reat iehor entro l-hames snin tas-sospensjoni. Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent kienet inhafritlu l-multa ta' €7,230.40 u bbenefika minn tnaqqis fil-piena ta' tlett (3) snin u dan ai termini tal-Ligi Taljana 241/2006.

Illi fl-istess dokument hemm dikjarat li wara t-tnaqqis imsemmi, il-piena li kien fadallu jiskonta r-rikorrent kienet **ta' ghoxrin sena u erba' xhur habs, tlett (3) snin *"liberta vigilata"*** u wkoll l-interdizzjoni perpetwa milli jokkupa kariga ta' ufficjal pubbliku sakemm jiskonta s-sentenza.

Illi skond l-istess dokument tal-*Ministero Della Giustizia* a fol. 8 tal-process, lejn l-ahhar tal-pagna hemm imnizzel hekk:

**"Decorrenza Pena: 10/09/2004 Scadenza Pena: 14/04/2014"**

Illi ghalhekk, in vista ta' dak imnizzel fl-istess dokument, in partikolari dak appena citat, ir-rikorrent qieghed jinsisti li l-piena karcerarja tieghu ghandha tigi fi tmiemha fl-14 ta' April 2014 jew qabel.

Illi pero minn qari tad-digriet[1] li permezz tieghu ir-rikorrent gie awtorizzat mill-Qorti ta' l-Appell ta' Catania sabiex ikompli jiskonta l-piena tieghu gewwa Malta, jirrizulta illi l-istess Qorti fis-**17 ta' April 2012** iddikjarat is-segwenti:

*"...rilevato che dalla posizione giuridica acquisita agli atti risulta che, a far data dal 10.9.2004, il BUTLER deve ancora scontare un periodo residuo di pena detentiva pari ad **anni venti e mesi quattro di reclusione**;[2]..."*

Illi stabbilit dan kollu, dan it-Tribunal mhux se jidhol fil-mertu jekk ir-rikorrent ghandux ragun jew le fit-talbiet tieghu. U dan ghaliex din is-sentenza tirrigwarda biss il-kwistjoni sollevata minn dan it-Tribunal *ex officio* jekk it-talbiet imressqa minnu fir-rikors promutur humiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Illi din il-kwistjoni t-Tribunal issollevaha *ex officio* in linea mal-principju assodat fis-sistema guridika taghna li l-inkompetenza hi sollevabbli "ex officio" meta l-materja tal-kawza ma tkunx ta' kompetenza tat-tribunal li quddiemu gietipprezentata l-kawza u dana stante li l-kompetenza *ratione materiae* hija kwistjoni ta' ordni pubbliku. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Joseph Mifsud et vs Antonia Genovese**, deciza fit-2 ta' Lulju, 2009:

*"Illi inghad ukoll li l-kwestjoni ta' gurisdizzjoni ta' tribunal specjali, limitata kif inhi bil-kompetenza specifika li ligi specjali taghtih, hija kwestjoni ta' ordni pubbliku[3], u ma tistax tigi deciza fuq bazi ta' ekwita` jew konvenjenza[4]. Kemm hu hekk, il-ligi nfisha trid[5] li fejn ikun il-kaz, Qorti li ma tkunx wahda ta' appell ghandha minn jeddha ex ufficio tiddikjara li m'ghandhiex kompetenza, ukoll jekk ma tkunx tqajmet eccezzjoni quddiemha f'dan is-sens."*

---

[1] Dokument CB 4 a fol. 16 u 17 tal-process
[2] Enfasi tal-Qorti
[3] App. Civ. 28.2.1969 fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Bugeja vs Giovanni Pace** (mhux pubblikata)
[4] App. Inf. 29.3.1996 fil-kawża fl-ismijiet **Grima et vs Spagnol et** (Kollez. Vol: LXXX.ii.1163)

[5] Art. 774 tal-Kap 12

Illi ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta *"It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt."* Illi ghalhekk il-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija delineata b'dak li jghid l-istess Att li kkrejah.

Illi issa jekk wiehed jara t-talbiet tar-rikorrenti isib li l-istess rikorrenti qieghed jitlob is-segwenti:-

**1. li s-sentenza fil-konfront tieghu tigi terminata b'mod definittiv fl-14 ta' April 2014, u**

**2. li ghandu jigi kalkulat favur tieghu kull tnaqqis iehor mid-data tal-14 ta' April 2014 li jinkludi *remissions* u tnaqqis iehor bl-applikazzjoni tal-ligi sussidjarja 260 tal-2003.**

Illi dan it-Tribunal se jezamina l-ewwel u qabel kollox jekk l-ewwel talba tar-rikorrenti tidholx *entro* l-parametri ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-avukat difensur tar-rikorrent, fit-trattazzjoni orali tieghu, sahaq li dan it-Tribunal hu kompetenti biex jiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti stante li d-Direttur tal-Habs wettaq ghemil amministrattiv bic-cahda tieghu li jehles lir-rikorrent mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Da parti taghhom, l-intimati qeghdin jishqu illi huma ma hadu l-ebda decizjoni, ma taw l-ebda ordni u lanqas agixxew b'xi mod iehor li jista' jinkwadra ruhu bhala att amministrattiv ai termini tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dan l-istadju, dan it-Tribunal ma jhossx li jkun opportun li jidhol fil-kwistjoni jekk twettaqx jew le att amministrattiv da parti tad-Direttur intimat. Dak li ha jezamina dan it-Tribunal huwa jekk dan it-Tribunal hux il-*forum*

kompetenti o meno biex jippronunzja ruhu fuq l-ewwel talba tar-rikorrenti fil-parametri li giet dedotta fir-rikors promutur.

Illi jinghad minghajr tlaqliq illi dan it-Tribunal ma jista' qatt jaghmel pronunzjament fit-termini ta' dak mitlub fl-ewwel talba. Dan it-Tribunal ma jistghax jikkonferma o meno li s-sentenza fil-konfront tar-rikorrent ghandha tigi terminata b'mod definittiv fl-14 ta' April 2014. Dan certament ma jammontax ghal revizjoni ta' att amministrattiv u ghaldaqstant kjarament jezorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Kif inhu risaput, Qorti, u f'dan il-kaz dan it-Tribunal, trid toqghod strettament mal-parametri tat-talbiet kif dedotti fir-rikors promutur. U dak li qieghed jitlob ir-rikorrent mhux dak li sahaq fuqu l-avukat difensur tar-rikorrent fit-trattazzjoni orali tieghu, u cioe revizjoni ta' att amministrattiv, izda pronunzjament veru u proprju rigward skontar ta' sentenza li nghatat minn Qorti ta' gurisidizzjoni kriminali.

Illi ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddikjara ruhu inkompetenti biex jiehu konjizzjoni tal-ewwel talba tar-rikorrenti u jaghmel gudizzju fuqha.

Illi pero r-rikorrent avvanza wkoll talba ohra fejn talab lil dan it-Tribunal jikkonferma li ghandu jigi kalkulat favur tieghu kull tnaqqis iehor tal-piena mid-data tal-14 ta' April 2014 li jinkludi *remissions* u tnaqqis iehor bl-applikazzjoni tal-ligi sussidjarja 260 tal-2003.

Illi dan it-Tribunal jirrileva illi il-Legislazzjoni Sussidjarrja 260 tal-2003 (Regolamenti Dwar il-Habs), u precizament ir-Regolament 14 tal-istess Regolamenti li kien jitkellem fuq tnaqqis minn sentenza ta' prigunerija, illum m'ghadux *in vigore* stante li gie mhassar bl-Avviz Legali 435 tal-2012.

Illi pero, ghalkemm ir-Regolament 14 tar-Regolamenti Dwar il-Habs m'ghadux in vigore, f'Regolament 79 tal-istess Regolamenti wiehed isib li t-Tribunal ta' l-

Appelli, ikkrejat taht l-istess Regolamenti, ghandu l-kompetenza li *"jirrevedi kazijiet fejn ma jkunx inghata tnaqqis kif provdut fir-regolament 14."* Dan ifisser, illi anke kieku ghall-grazzja tal-argument, artikolu 14 ghadu *in vigore* xorta wahda dan it-Tribunal mhux kompetenti li jiddeciedi dwar tnaqqis mis-sentenza ta' prigunerija originali stante li dan il-mertu huwa ta' kompetenza tat-Tribunal imsemmi fl-istess Regolamenti, liema tribunal huwa tribunal amministrattiv veru u proprju ai termini tal-Ewwel Skeda tal-Kap 490 (Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva).

Illi, madankollu, dan it-Tribunal jirrileva li llum il-gurnata, tnaqqis minn sentenzi ta' prigunerija huwa regolat f'Taqsima V tal-Kap 516 (Att Dwar il-Gustizzja Riparatrici). Artikolu 20 tal-istess Att jghid illi ghandu jkun il-Bord ghat-Tnaqqis mis-Sentenzi li ghandu jiddeciedi fuq kwistjonijiet *"ta' l-għoti, it-telf jew l-għoti lura ta' ġranet ta' tnaqqis mis-sentenza mitlufa."*

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-tieni talba tar-rikorrenti wkoll tezorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet elenkati hawn fuq, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi l-kwistjoni sollevata minnu stess permezz tad-digriet tad-9 ta' Jannar 2014 u jiddikjara li m'huwiex kompetenti sabiex jiddeciedi dwar it-talbiet imressqa mir-rikorrenti fir-rikorsipprezentat minnu fis-27 ta' Frar 2013.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------